# ANGELO MELILLI
# Surmast tal-Marċi Funebri

Lejn l-aħħar tas-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu tagħna bosta kienu dawk is-surmastrijiet tal-mużika barranin l-aktar Taljani u Sqallin li sabu mpjieg mal-ftit baned Maltin ta' dak iż-żmien. Fosthom kien hemm is-Surmast Angelo Melilli, Sqalli minn Licata (Provinċja ta' Grigento li bejn is-sena 1898 u dik ta' l-1912 idderieġa mhux inqas minn tliet baned: La Vilhena tal-Furjana, S. Filippo ta' Ħaż-Żebbuġ u S. Giorgio ta' Bormla.

Is-Surmast Melilli, ex-direttur ta' waħda mill-Baned Militari Taljani wasal Malta bil-vapur L'Isle Adam minn Tuneż nhar it-13 ta' Frar, 1898 flimkien ma' martu Antonietta mwielda Martinez minn Terranova (Sqallija) u ħames uliedu..... Rosaria, Angelo, Maria, Giulia u Salvatore. Fi żmien xahar u nofs, lejn l-aħħar ta' April 1898, il-gazzetta 'Malta' ħabbret li l-Banda Vilhena kienet akkwistat is-servizzi tas-Surmast Melilli. Matul iż-żmien li Melilli dam surmast-direttur ta' din il-banda, huwa kkompona l-innu 'Inno Nazionale a S. Publio' li għadu jindaqq sal-lum. F'Settembru 1900, Melilli dderieġa l-Banda Furjaniża fil-belt ta' Sirakuża. Fl-1 ta' April, 1905, Maestro Angelo Melilli dderieġa din l-istess banda fit-twaqqif mill-ġdid tagħha.

Fis-sena 1898, meta Angelo (bħal missieru) kellu 42 sena twelditlu tifla fil-Furjana u semmewha Concetta. Nhar is-26 ta' Marzu, 1901, twieldet tifla oħra li tawha l-isem ta' Graziella.

Nicolò Melilli twieled nhar l-4 ta' Frar, 1903 u tgħammed fit-12 ta' Frar fil-Knisja Parrokjali ta' Bormla. Barra dan twieldu żewġt itfal oħra għas-surmast Melilli: Adelina li twieldet nhar l-1 ta' Novembru, 1906 u mgħammda f'Bormla fl-10 ta' l-istess xahar u Vittorio, imwieled f'Bormla wkoll fil-5 ta' marzu, 1909, meta missieru kellu 52 sena u għammduh fl-istess Knisja Parrokkjali ta' Belt twelidu fil-11 ta' l-istess xahar.

Fis-sena 1901, il-gazzetta 'Malta' nhar id-19 ta' Jannar awgurat lill-Kumitat u d-diriġenti tal-Każin S. Giorgio ta' Bormla għall-akkwist tas-servizzi mużikali tas-Surmast Melilli. Sentejn wara, taħt il-bakketta ta' dan l-abbli surmast, il-Banda Bormliża daqqet f'Sirakuża u ġiet imfaħħra mill-'La Gazzetta di Siracusa' kemm fil-ħarġa tat-23 ta' Awissu kif ukoll ta' l-għada. Ma' din il-banda, Melilli dam sakemm ġie biex jitlaq minn


Angelo Melilli, Ex-Surmast tal-Banda San Ġorġ ta' Bormla bejn 1901 u 1912.

Malta (minħabba f'saħħtu), jiġfieri fis-sena 1912. Huwa kien 'wiret' il-bakketta mingħand is-surmast-direttur Paolino Vassallo u għaddieha lis-surmast Carlo Diacono (8 ta' Lulju, 1912). Fis-sena 1903, it-tifel tiegħu, Angiolino beda jdoqq it-'tromba' ma' l-istess banda. Fis-sena 1911, is-surmast-direttur talab lill-Kumitat sabiex jiżdied nofs lira fix-xahar fis-salarju. Fil-każin ta' l-istess banda, wieħed għadu jista' jara l-bakketta li biha s-surmast Melilli mexxa il-banda għal ħdax-il sena.

Fis-sena 1905, nhar il-Ħadd 19 ta' Novembru, Melilli ddebutta bħala surmast tal-'Filarmonica S. Filippo d'Aggira' ta' Ħaż-Żebbuġ. Għal din il-banda, maestro Melilli kiteb l-'Inno San Filippo d'Aggira'.

Melilli telaq minn Malta għal Tuneż nhar l-14 ta' Ġunju, 1912 mal-vapur Franċiż Marechal Bugeaud flimkien ma' 7 uliedu..... Rosina, Maria, Salvatore, Concetta, Grazia, Nicolò u Vittorio. Reġa' ġie Malta u dam biss ġimgħa..... bejn it-12 u d-19 ta' Diċembru, 1912.

Is-Surmast Angelo Melilli, magħruf l-aktar għall-Marċi Funebri li kkompona l-aktar Cipresso, Mesto Ricordo u Venerdì Santo miet f'Tunes nhar it-30 ta' Awissu, 1913. It-tifel tiegħu, Angelo, waqt żjara tiegħu f'Malta kien sab ħin biex iżur il-Każin tal-Banda San Ġorġ, Bormla, nhar it-2 ta' Settembru 1973.

Fuq l-inizjattiva ta' l-awtur ta' dan l-artiklu, issemmiet triq għal dan il-bravu surmast u kompożitur f'Ħaż-Żebbuġ nhar it-28 ta' Diċembru, 1993.

*Michael Balzia*